MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2007

Numru 873/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Simon Galea)**

**vs**

**Matthew Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Matthew Mifsud ta' 17 il-sena imwieled Pieta fis-7 ta' Marzu 1987, bin Philip u Rita xebba D'Agostino u joqghod 'Kennedy' Flat 1 Triq il-Port Hieles B'Bugia u bin-numru tal-karta ta' Identita 131287M gie akkuzat:

Talli fil-lejl ta’ bejn l-20 u il-21 ta’ Marzu 2004 fir-Rabat, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara taccedi il-hamsin lira maltin izda ma teccediex il-hames mitt lira Maltin w dan bi ksur tal-artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. SG3 u nnutat li l-imputat Matthew Mifsud m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tal-lum l-Ufficjal Prosekutur u Dr. Paul Farrugia ghall-imputat iddikjaraw li jaqblu li meta sehh ir-reat l-imputat kien taht l-eta’ ta’ tmintax (18) il-sena.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li qieghed jobbliga ruhu li ser ihallas lill-parte civile Raimonda Micallef is-somma ta’ Lm100 rappresentanti l-hsara sofferti mill-istess parte civile u li jirrigwardaw l-akkuza migjuba kontra tieghu u dan fi zmien sitt (6) xhur millum. Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr. Lennart Depasquale ghall-parte civile iddikjara li qieghed jaccetta din il-modalita’ ta’ hlas mill-imputat u inoltre iddikjara li dan

il-hlas ikun a saldu tal-pretensjonijiet da parti tal-parte civile fil-konfront tal-imputat rigward dan il-kaz.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 37 u 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Matthew Mifsud, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat, l-applikazzjoni tal-art. 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront tal-imputat, li l-imputat obbliga ruhu li ser ihallas lill-parte civile Raimonda Micallef is-somma ta’ Lm100 rappresentanti l-hsara sofferti mill-istess parte civile u li jirrigwardaw l-akkuza migjuba kontra tieghu u dan fi zmien sitt (6) xhur millum u li Dr. Lennart Depasquale ghall-parte civile iddikjara li qieghed jaccetta din il-modalita’ ta’ hlas mill-imputat u inoltre iddikjara li dan il-hlas ikun a saldu tal-pretensjonijiet da parti tal-parte civile fil-konfront tal-imputat rigward dan il-kaz, tillibera lill-istess imputat Matthew Mifsud taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Matthew Mifsud l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------